MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2009

Citazzjoni Numru. 399/2009

Victoria **DeDOMENICO**

vs

Philip **GRIMA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fl-24 ta’ April, 2009, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attriċi talbet li din il-Qorti, għall-finijiet tal-artikolu 235 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, (a) tiddeċiedi t-talba għall-ħlas ta’ mgħaxijiet fuq is-somma ta’ tmienja u għoxrin elf sitt mija u wieħed u ħamsin euro (€ 28,651) likwidata bħala danni favuriha mill-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet ***Victoria mart Philip DeDomenico vs Philip Grima*** (Ċitazz. Nru.

562/02TM) u dan billi l-Qorti tal-Ewwel grad naqset li tiddeċiedi fuq dik it-talba; u (b) tikkundanna lill-imħarrek iħallasha l-imgħax hekk dovut fuq dik is-somma b'seħħ minn jum li din il-Qorti jidhrilha li minnu kellhom jibdew jgħaddu sa dak inhar li jsir il-ħlas effettiv. Talbet ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tat-28 ta' April, 2009 li bih u fuq talba magħmula b'rikors ieħor imressaq mill-attriċi dak inhar li bdiet din il-kawża, ordnat li jinġiebu quddiemha l-atti tal-imsemmija kawża 562/02TM maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Novembru, 2008, u kif ukoll l-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv numru 168/09;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrek fl-20 ta' Mejju, 2009, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qal li tonqos f'din il-Qorti l-kompetenza *ratione valoris* u dan minħabba l-fatt li l-ammont ta' mgħax pretiż mill-attriċi huwa anqas mill-valur li dwaru din il-Qorti tista' tisma' u taqta' kawża mressqa quddiemha. Żied jgħid ukoll li ladarba l-attriċi qatt ma appellat mis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti f'Mejju tal-2006, u kien biss hu li appella minnha, dik is-sentenza (u l-oħra mogħtija mill-Qorti tal-Appell f'Novembru tal-2008, li kkonfermatha) toħloq ġudikat kontra l-istess attriċi. Fil-mertu, laqa' billi qal li ma hux minnu li din il-Qorti ħalliet barra xi waħda mit-talbiet li kienet ressqet l-attriċi, għaliex ladarba l-azzjoni kienet waħda għal-likwidazzjoni ta' mgħaxijiet, ma kien hemm l-ebda imgħax x'jiġi likwidat, u b'hekk in-nuqqas ta' għoti ta' mgħax kien deċiżjoni li dik il-Qorti għażlet li tieħu. L-imħarrek tenna li l-attriċi kienet diġa' ittentat tipprova tiġbor l-imgħaxijiet fuq is-*sorte* likwidat u b'degriet mogħti minn din il-Qorti dik il-pretensjoni twarrbet għaliex tqies li l-attriċi ma kellhiex titolu eżekuttiv għalihom. Ressaq ukoll l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni taħt l-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha rilevanti, magħduda dawk tal-kawża numru 562/02TM, tal-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv

168/09 u wkoll tar-Rikors għat-Tħassir ta' dak il-Mandat (Rik. Nru. 161/09GCD) dekretat fit-30 ta' Marzu, 2009;

Rat id-degriet tagħha tat-3 ta' Ġunju, 2009, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni biex il-Qorti tiddeċiedi dwar talba li tħalliet barra f'sentenza li ngħatat. L-attriċi kienet fetħet kawża ta' danni kontra l-imħarrek f'Mejju tal-2002: hija kienet talbet li l-l-imħarrek jinstab ħati tal-ħsarat li ħalla f'postijiet mikrija lilu, il-likwidazzjoni tad-danni u l-kundanna għall-ħlas, u dan "b'riżerva għal danni ulterjuri u bl-interessi u bl-ispejjeż". Din il-Qorti (diversament presjeduta) tat is-sentenza fit-18 ta' Mejju, 2006, u laqgħet it-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontra l-imħarrek. L-imħarrek appella u fl-10 ta' Novembru, 2008, il-Qorti tal-Appell ċaħdet l-appell u ikkonfermat is-sentenza tal-ewwel Qorti. F'Jannar tal-2009, l-imħarrek ħallas lill-attriċi s-*sorte* likwidat u l-ispejjeż ġudizzjarji taxxati. Meta, f'Marzu, l-attriċi ħarġet mandat biex titħallas ukoll l-imgħaxijiet, l-imħarrek laqa' għal dik il-proċedura billi qal li l-attriċi ma kellha l-ebda jedd tiġbor ukoll l-imgħax. Din il-Qorti (diversament presjeduta) b'degriet tal-20 ta' Marzu, 2009, ħassret il-mandat (fuq talba tal-imħarrek) għaliex qalet li l-attriċi tassew ma kellhiex titolu eżekttiv dwar l-imgħaxijiet billi s-sentenza li straħet fuqha ma kienet semmiet xejn dwar it-talba tagħha għall-imgħax. L-attriċi, għalhekk, fetħet din il-kawża;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrek laqa' billi qal (i) li din l-azzjoni ma setgħetx saret quddiem din il-qorti *ratione valoris*, (ii) li s-sentenzi jagħmlu ġudikat kontra l-attriċi, (iii) li l-azzjoni waqgħet biż-żmien tal-ħames snin kif maħsub fl-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili u (iv) li l-ebda mgħax m'huwa dovut lill-attriċi għaliex l-azzjoni tagħha kienet waħda ta' likwidazzjoni ta' danni u b'hekk ma kienx jgħaddi mgħax;

Illi għal dak li jirrigwarda l-fatti rilevanti marbutin mal-każ jirriżulta mill-atti li f'Mejju tal-2002, l-attriċi fetħet kawża kontra l-imħarrek[1] biex jagħmel tajjeb għall-ħsara li ħalla f'erba' appartamenti mikrijin lilu mill-awtur tagħha. Talbet il-likwidazzjoni tad-danni u l-kundanna tal-imħarrek għall-ħlas tagħhom "b'riżerva għal danni ulterjuri u bl-interessi u bl-ispejjeż". F'Jannar tal-2002, hija kienet qabbdet perit arkitett biex jistma l-ħsara li l-imħarrek kien ħalla fl-imsemmija appartamenti[2]. Huwa kien stima dawk il-ħsarat fis-somma ta' Lm 12,000[3]. Fl-14 ta' Frar, 2002, l-attriċi kienet bagħtet lill-imħarrek ittra uffiċjali[4] fejn talbitu jħallas Lm 880 bħala kumpens għall-okkupazzjoni u wkoll biex jagħmel tajjeb għad-danni skond ir-rapport maħruġ mill-perit imqabbad minnha, liema rapport kien mehmuż mal-istess ittra uffiċjali. Din il-Qorti (diversament presjeduta) tat is-sentenza fit-18 ta' Mejju, 2006, u fiha sabet lill-imħarrek responsabbli għall-ħsarat, illikwidat id-danni mġarrba mill-attriċi fis-somma ta' tnax-il elf u tlitt mitt lira Maltin (Lm 12,300) li għal tnax-il elf lira minnhom kienu l-ħsarat fil-bini u t-tlitt mitt lira l-oħra kienu likwidati *arbitrio boni viri* bħala l-ħsara fl-għamara. Ikkundannat lill-imħarrek iħallas lill-attriċi dik is-somma flimkien mal-ispejjeż tal-kawża;

Illi l-imħarrek appella minn dik is-sentenza f'Mejju tal-2006. Fl-10 ta' Novembru, 2008, il-Qorti tal-Appell tat is-sentenza tagħha li biha ikkonfermat għal kollox is-sentenza tal-ewwel istanza, u ikkundannat lill-imħarrek iħallas l-ispejjeż tal-appell. L-imħarrek ħallas lill-attriċi l-ammont likwidat u l-ispejjeż tal-kawża fid-29 ta' Jannar, 2009[5];

Illi fit-30 ta' Jannar, 2009, l-attriċi talbet u kisbet il-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv[6] kontra l-imħarrek għas-somma ta' sitt elef u mitejn euro (€ 6,200) bħala "mgħaxijiet fuq € 28,651, ekwivalenti għal Lm 12,300 mit-18 ta' Mejju, 2006, bit-8%". It-talba ntlaqgħet fit-2 ta' Frar,

[1] Ċitazz. Nru. 562/02TM
[2] Dok "D", f'paġġ. 13 – 7 tal-atti tal-Kawża 562/02
[3] € 27,952 fi flus tal-lum
[4] Dok "A", f'paġġ. 4 – 9 tal-proċess
[5] Paġ. 46 tal-atti tar-Rikors Nru. 161/09GCD
[6] Mandat 168/09

2009. Fid-19 ta' Frar, 2009, l-imħarrek eżekutat fetaħ proċedura taħt l-artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta biex iwaqqa' dak il-mandat[7]. B'degriet mogħti fl-20 ta' Marzu, 2009, it-talba tal-imħarrek intlaqgħet billi l-Qorti sabet li "s-sekwestranti ma għandhiex titolu eżekuttiv għall-imgħaxijiet, ma setgħetx tikseb il-ħlas tagħhom b'mandat esekuttiv". Fl-24 ta' April, 2009, infetħet din il-kawża;

Illi l-konsiderazzjonijiet ta' dritt ewlenin marbutin ma' din il-kawża jirrigwardaw il-proċedura partikolari li taħtha tressqet din il-kawża. B'qies ta' hekk, kemm it-talbiet tal-attriċi u kif ukoll uħud mill-eċċezzjonijiet imressqin mill-imħarrek kontra dik l-azzjoni jkunu jistgħu jitqiesu kif imiss;

Illi huwa ċar li l-attriċi ressqet din l-azzjoni skond ma jrid l-artikolu 235 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. L-attriċi trid li tingħata deċiżjoni dwar dik il-parti mit-talbiet tagħha dedotti fl-ewwel kawża – sewwasew dik fejn talbet il-ħlas tal-imgħaxijiet – li dwarha ma ngħata l-ebda provvediment fis-sentenza mogħtija. L-imħarrek jisħaq li dan m'huwiex il-każ, għaliex jgħid li, ladarba l-azzjoni attriċi kienet waħda għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni, ma kienu dovuti l-ebda mgħaxijiet. Huwa jżid jgħid li l-fatt li fis-sentenza l-Qorti għażlet li ma ssemmi xejn dwar it-talba tal-imgħaxijiet u ikkundannatu jħallas id-danni likwidati u l-ispejjeż, kien ifisser li l-Qorti kienet ċaħdet it-talba tal-attriċi għall-ħlas ta' mgħaxijiet;

Illi huwa magħruf li meta titħalla barra minn sentenza xi talba jew aktar, ma jistax jitressaq appell minn dak il-fatt[8]. Biex tagħmel tajjeb għal nuqqas bħal dan, il-proċedura maħsuba mil-liġi biex xi talba li tkun tħalliet barra minn sentenza tkun deċiża tista' tieħu żewġ suriet. Kull waħda mill-partijiet tista' b'rikors imressaq fi żmien ħmistax-il jum mis-sentenza, titlob lill-Qorti tal-ewwel grad li tagħti s-sentenza li taqta' dik it-talba[9]; inkella kull waħda mill-partijiet tista', f'kull żmien li jkun, tressaq Rikors Maħluf

[7] Rik. Nru. 161/09GCD
[8] Art. 235 tal-Kap 12
[9] Art. 235, *proviso 1* tal-Kap 12

quddiem il-Qorti tal-ewwel grad, biex titlob deċiżjoni tat-talba li ma tkunx ġiet deċiża[10];

Illi l-liġi tagħti dan ir-rimedju proċedurali biss fil-każ li ma tkunx ingħatat sentenza fuq xi waħda mit-talbiet tal-parti attriċi u għalhekk m'huwiex mogħti fejn qorti tonqos li tipprovdi dwar xi eċċezzjoni[11]. Iżda għall-finijiet ta' dan ir-rimedju, nuqqas ta' provvediment dwar xi talba rikonvenzjonali jitqies ukoll bħallikieku l-kontro-talba kienet azzjoni attriċi. Minbarra hekk, dan ir-rimedju huwa mogħti biss minn sentenzi tal-Qorti tal-ewwel grad u jgħodd għal nuqqas fil-parti dispożitiva ta' sentenza u mhux għal xi nuqqas ta' konsiderazzjoni fil-parti deliberativa tagħha. Minħabba li huwa rimedju speċifiku, jeħtieġ li jintwera li tassew li kienet ingħatat sentenza li tkun ħalliet barra xi waħda jew aktar mit-talbiet, għaliex fejn ma jkunx hemm fil-fatt deċiżjoni nieqsa ma jistax jintuża dan ir-rimedju biex iservi ta' skuża għal estensjoni ta' terminu ta' appell li jkun ġa għalaq. Fuq kollox, ir-rimedju tal-artikolu 235 irid jintfittex quddiem dik l-istess qorti li tkun ħalliet barra xi waħda mit-talbiet fis-sentenza tagħha, għaliex kieku kellu jsir mod ieħor, jintilef l-għan aħħari tal-liġi li hu li l-ewwel sentenza u dik li tingħata wara dwar il-parti li kienet tħalliet barra f'ta' qabilha, jitqiesu bħala ħaġa waħda[12];

Illi l-Qorti, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, ma taqbilx mas-sottomissjonijiet tal-imħarrek. Jirriżulta bla kwestjoni minn l-eħfef daqqa ta' għajn lejn l-atti tal-kawża "oriġinali", li l-attriċi kienet talbet kemm l-imgħaxijiet u kif ukoll l-ispejjeż kontra l-imħarrek. Ir-riżerva li għamlet kienet biss tirrigwarda d-"danni ulterjuri". Jirriżulta li s-sentenza mogħtija f'Mejju tal-2006 ma semmiet xejn dwar it-talba għall-ħlas ta' mgħaxijiet. Is-skiet ta' dik il-Qorti ma jistax jitfisser daqslikieku ċ-ċaħda tat-talba. Iċ-ċaħda ta' talba f'kawża ma tistax tkun b'implikazzjoni imma trid tkun magħmula b'mod espress, l-istess bħalma għandu jsir meta talba tkun milqugħa u safejn tkun intlaqgħet. Dan jingħad b'ħarsien tar-regola li kull dikjarazzjoni li l-qorti trid li tkun deċiżiva jew obbligatorja, għandha tiddaħħal fid-

[10] Art. 235, *proviso 2* tal-Kap 12
[11] App. Inf. **7.7.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Paċe vs Theuma***
[12] App. Ċiv. **29.10.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Merċieca et vs Barbara*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.i.213**)

dispożitiv tas-sentenza[13]. Dan il-fatt jidher li ngħaraf ukoll minn din il-Qorti (diversament presjeduta) meta tat id-degriet tagħha fl-20 ta' Marzu, 2009, ‚li bih laqgħet it-talba tal-imħarrek biex jitwaqqa' l-Mandat ta' Sekwestru eżekuttiv maħruġ mill-attriċi;

Illi minn dan joħroġ li jeżistu l-elementi kollha li trid il-liġi biex isejsu l-azzjoni tal-attriċi. Jifdal li wieħed iqis jekk humiex ta' xkiel għaliha l-eċċezzjonijiet proċedurali mqanqlin mill-imħarrek. Il-Qorti sejra tikkunsidra t-tliet eċċezzjonijiet rilevanti;

Illi l-ewwel **eċċezzjoni hi li l-azzjoni attriċi m'hijiex ta' kompetenza ta' din il-Qorti *ratione valoris***. L-imħarrek jibni din l-eċċezzjoni fuq il-valur pretiż mill-attriċi bħala s-somma mistħoqqa lilha b'imgħax mill-imħarrek. Il-Qorti ma tistax toqgħod fuq din is-sottomissjoni. Id-determinazzjoni tal-kompetenza ta' qorti biex tisma' kawża tiddependi min-natura tal-azzjoni li titressaq quddiemha. F'dan il-każ, hija azzjoni dwar deċiżjoni f'sentenza li tkun ħalliet barra waħda mit-talbiet. Il-kompetenza dwar liema qorti jmissha tisma' kawża bħal din hija stabilita mill-artikolu 235 tal-Kapitolu 12 innifsu kull darba li ssemmi "l-qorti tal-ewwel grad". Kienet din il-Qorti (diversament presjeduta) li tat is-sentenza li dwarha l-attriċi tqis li tħalliet barra waħda mit-talbiet tagħha. L-attriċi ma tista' tirrikorri għall-ebda qorti oħra ħlief din għar-rimedju speċjali li qiegħda titlob u kieku kellha tressaq il-kawża tagħha quddiem qorti oħra, tidħol fil-periklu li dik il-qorti tarmilha l-kawża 'l barra u bir-raġun. Il-kwestjoni tal-likwidazzjoni tal-ammont ta' mgħax pretiż mill-attriċi ma tiddettat in-natura tal-azzjoni, imma hija konsegwenza sekondarja u loġika f'każ li l-azzjoni tal-attriċi tirriżulta mistħoqqa;

Illi għalhekk din l-eċċezzjoni m'hijiex sejra tintlaqa';

Illi t-tieni **eċċezzjoni hija li s-sentenzi diġa' mogħtija joħolqu ġudikat kontra l-attriċi**. L-imħarrek jgħid li ladarba l-attriċi ma kinitx appellat mis-sentenza mogħtija f'Mejju tal-2006, dik is-sentenza "tifforma stat bejn il-

[13] Art. 219 tal-Kap 12

partijiet". Dan aktar u aktar ladarba dik is-sentenza reġgħet kienet għal kollox konfermata mill-Qorti tal-Appell f'Novembru tal-2008. Din il-Qorti jidhrilha li l-argument tal-imħarrek huwa kemmxejn fallaċi. L-eċċezzjoni tal-ġudikat tgħodd biss fejn tkun ingħatat sentenza dwar vertenza u sal-limiti ta' dak li jkun ġie deċiż f'dik il-vertenza (l-element tal-*eadem res*). Ma jidhirx li jista' jinħoloq ix-xkiel tal-ġudikat fejn talba ma tkunx ġiet deċiża[14]. Billi din l-azzjoni tal-lum hija sewwasew azzjoni li titlob li tingħata deċiżjoni li s-sentenza ta' qabel ħalliet barra, isegwi li s'issa ma ngħatat l-ebda sentenza dwar it-talba tal-attriċi għall-ħlas tal-imgħax, u għalhekk jonqos wieħed mill-elementi ewlenin biex tirnexxi l-eċċezzjoni tal-ġudikat;

Illi għalhekk lanqas din l-eċċezzjoni m'hi sejra tintlaqa';

Illi t-tielet **eċċezzjoni hi li l-azzjoni attriċi waqgħet bil-preskrizzjoni**. L-imħarrek isejjes din l-eċċezzjoni fuq l-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili. Mill-atti tal-kawża u tal-kawża li fiha ngħatat l-ewwel sentenza, joħroġ li l-imħarrek inħareġ mill-appartamenti lilu mikrijin b'sentenza mogħtija mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-20 ta' Novembru, 2001. L-attriċi interpellat lill-imħarrek b'att ġudizzjarju fi Frar tal-2002, u fetħet il-kawża f'Mejju tal-2002. B'rieda tal-liġi, iż-żmien ta' kull preskrizzjoni ta' azzjoni jibda għaddej minn dak inhar li l-azzjoni li tkun setgħet tiġi eżerċitata[15]. Fil-każ tal-attriċi, dik l-azzjoni ma setgħetx tiġi eżerċitata qabel l-iżgumbrament tal-imħarrek mill-appartamenti mikrijin lilu, jiġifieri wara Novembru tal-2001. Minbarra f'hekk, kemm l-ittra uffiċjali u kif ukoll il-kawża nnifisha kienu raġunijiet magħrufa mil-liġi biex tinkiser kull preskrizzjoni li setgħet kienet għaddejja favur l-imħarrek[16]. Dak iż-żmien dam jinkiser sa ma ngħatat is-sentenza mill-Qorti tal-Appell. Iż-żmien preskrittiv reġa' beda mill-ġdid favur l-imħarrek minn dak inhar, iżda din il-kawża reġgħet kisret dak iż-żmien. Fl-ebda waqt matul dan iż-żmien kollu ma laħaq għadda ż-żmien ta' ħames snin li l-imħarrek jistrieħ fuqu;

---

[14] App. Inf. **16.5.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Mario Galea et vs Tacsum Limited***
[15] Art. 2137 tal-Kap 16
[16] Artt. 2128 sa 2130 tal-Kap 16

Illi għalhekk ukoll, lanqas din l-eċċezzjoni m'hi sejra tintlaqa';

Illi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet kollha li saru l-Qorti sejra ssib li l-ewwel talba attriċi hija mistħoqqa u sejra tilqagħha;

Illi jifdal li titqies **it-tieni talba attriċi**. Jingħad mill-ewwel li din m'hijiex talba ġdida, u dan il-fatt wieħed jagħmel tajjeb li jżommu quddiem għajnejh. Dak li ngħad aktar qabel dwar in-natura speċjali tal-proċedura maħsuba fl-artikolu 235 ma jrid bl-ebda mod jintesa. Dak l-artikolu jitkellem dwar talba (mressqa fl-"ewwel kawża") li l-Qorti tkun naqset li tiddeċiedi dwarha. Taħt din il-proċedura m'għandux jitħalla li xi parti titħajjar iddeffes talbiet għal deċiżjonijiet li ma jkunx diġa' jagħmlu parti mill-"ewwel kawża". Fil-każ tal-lum, it-tieni talba attriċi m'hijiex talba ġdida, imma talba marbuta sfiq mal-ewwel waħda dwar l-għoti tal-imgħaxijiet. Minħabba li l-"ewwel" sentenza naqset li tipprovdi dwar il-kap tal-imgħaxijiet, u minħabba li l-imħarrek qiegħed jikkontesta li huma dovuti mgħaxijiet ladarba l-"ewwel kawża" kienet waħda għal-likwidazzjoni tad-danni, din it-tieni talba hija stedina biex il-Qorti, f'każ li tilqa' l-ewwel talba (kif sejra tagħmel) tiddetermina wkoll minn meta għandhom jibdew jitqiesu l-imgħaxijiet dovuti lill-attriċi;

Illi meta ressqet il-Mandat ta' Sekwestru, l-attriċi ħadmet l-imgħaxijiet b'seħħ minn dak inhar li kienet ingħatat l-ewwel sentenza – jiġifieri minn Mejju tal-2006. Wara li twaqqa' l-Mandat Sekwestru, u b'sottomissjonijiet magħmulin fl-atti tar-rikors li kien ressaq l-imħarrek eżekutat biex jitwaqqa' dak il-Mandat, l-attriċi ressqet sottomissjonijiet biex tgħid li kellha kull jedd li tippretendi l-ħlas tal-imgħaxijiet ukoll u kien bi prudenza biss li talbet il-ħlas b'seħħ mid-data tas-sentenza u mhux mid-data tan-notifika taċ-Ċitazzjoni. Issa, f'dan l-istadju, u billi tgħid li l-kap jew talba dwar l-imgħaxijiet baqgħet ma ġietx sal-lum deċiża, l-attriċi qiegħda tippretendi li l-imgħaxijiet dovuti lilha għandhom jibdew jintgħaddu minn dak inhar tan-notifika tal-ittra uffiċjali (jiġifieri mid-19 ta' Frar, 2002), ladarba f'dak l-att ġudizzjarju kienet għamlet talba

speċifika ta' danni likwidati li, eventwalment, irriżultaw dawk li s-sentenza ta' Mejju, 2006, u s-sentenza tal-Qorti tal-Appell f'Novembru tal-2008, it-tnejn ikkonfermaw bħala l-ammont mistħoqq ta' danni likwidati;

Illi, kif ingħad, l-imħarrek jikkontesta li l-attriċi jistħoqqilha xi ħlas ta' mgħax. Huwa juża l-argument li l-azzjoni tagħha kienet waħda ta' danni *da liquidarsi* u għalhekk jitħaddem il-prinċipju li *in illiquidis non fit mora*. Minbarra dan, jirriżulta wkoll li, f'Jannar tal-2009, huwa ħallas lill-attriċi s-sorte likwidat fis-sentenzi u għalhekk iżid jgħid li ma jistax jgħaddi mgħax ladarba wettaq l-obbligazzjoni prinċipali bil-ħlas tal-"kapital";

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li meta talba għall-ħlas ta' danni hija magħrufa jew faċilment determinabbli sa minn qabel jinbdew il-proċeduri ġudizzjarji li jkollhom jittieħdu biex jintalab dak il-ħlas, l-imgħax għandu jiddekorri minn dak inhar li ssir l-ewwel intima b'att ġudizzajrju (jekk dan ikun sar) u mhux minn dak inhar li eventwalment tingħata s-sentenza li tikkonferma dak l-ammont[17]. F'każ bħal dan il-massima *in illiquidis non fit mora* ma tibqax tgħodd. Mhux hekk biss, imma l-kontestazzjoni tal-parti l-oħra dwar l-ammont ta' dannu pretiż ma tnaqqas xejn mid-determinazzjoni taċ-ċertezza tal-pretensjoni tal-parti mġarrba[18]. F'kull każ, il-prinċipju hawn fuq imsemmi jibqa' jgħodd sakemm id-dewmien ma jkunx jaħti għalih id-debitur interpellat[19]. Din l-eċċezzjoni tapplika wkoll fejn l-ammont likwidat ikun anqas minn dak mitlub speċifikatament fl-att promotur tal-kawża[20];

Illi fil-każ tal-lum, l-attriċi mhux biss talbet lill-imħarrek iħallasha ammont ta' kumpens speċifikat, imma ħareġ li dak l-ammont li talbitu huwa l-ammont li s-sentenza tal-ewwel grad illikwidat, u wkoll konfermat bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell. Bi tħaddim tal-prinċipji appena msemmija u fuq is-saħħa ta' deċiżjonijiet konsistenti f'dan ir-

[17] App. Ċiv. **12.2.1980** fil-kawża fl-ismijiet ***May Boffa vs Stella Camilleri*** (mhix pubblikata)
[18] App Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Galea vs Kenneth Mizzi noe***
[19] Ara Giorgi Delle Obbligazioni; u wkoll App. Ċiv. **23.6.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Savona pro et noe vs Asphar et*** (Kollez. Vol: **XXXVI.i.181**)
[20] Kumm.**15.1.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Buttiġieġ vs Said*** (Kollez. Vol: **XXXVI.iii.599**)

rigward[21], din il-Qorti ssib li jixraq li l-imgħaxijiet dovuti lill-attriċi jibdew jgħaddu minn dak inhar tan-notifika tal-Att taċ-Ċitazzjoni (jiġifieri mill-31 ta' Mejju, 2002[22]) u mhux minn dak inhar tan-notifika tal-ittra uffiċjali li tressqet qabel dak l-Att;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet** tal-imħarrek għaliex m'humiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** billi tiddeċiedi li fuq is-somma ta' danni likwidata minn din il-Qorti bis-sentenza tagħha tat-18 ta' Mejju, 2006 fil-kawża fl-ismijiet ***Victoria mart Philip DeDomenico vs Philip Grima*** (Ċitazz. Nru. 562/02TM) u konfermata mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Novembru, 2008, għandu jgħaddi mgħax legali, u dan billi l-imsemmija sentenzi naqsu li jipprovdu dwar it-talba attriċi safejn talbet il-kundanna għall-ħlas ta' mgħaxijiet;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tordna li l-imsemmi mgħax legali għandu jitqies b'seħħ mill-31 ta' Mejju, 2002, sad-29 ta' Jannar, 2009, jiġifieri dak inhar li l-imħarrek ħallas is-*sorte*kanonizzat; u

**Tordna** li l-imħarrek iħallas **l-ispejjeż ta' din il-kawża**.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[21] Ara, per eżempju, P.A. PS **9.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Simon Micallef Stafraċe noe vs Adrian Mifsud et noe***; u App. Inf. **17.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Paul Tabone***

[22] Ara paġ. 19 *tergo* tal-atti tal-Kawża Ċitazz. 562/02TM